Minuti tal-Laqgħa Nru. 12 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tlieta, 12 t' April 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mil-minuti
3. Korrispondenza
4. Proġett tal-Bandli
5. Jum Ħal Luqa
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsilliera Massa qalet li fil-laqgħa preċedenti hija kienet skużata.

1.2 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq punt 3.3 din trid tiġi Triq il-Wilġa.

1.3 Is-Sindku qal li fuq dan il-punt irid jiżdied li huwa kien appella lill-Awtoritajiet.

1.4 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li fuq punt 3.11 trid tkun esperti fuq traffic management.

1.5 Il-Kunsillier Bruno talab li jsiru korezzjonijiet fuq il-wording ta punt 8.2 u punt 8.3.

1.6 Is-Sindku qal li fuq punt 8.3 irid jitniżżel li huwa kien kellmu ukoll u dan ma sabx oġġezzjoni.

1.7 Il-minuti ġew ipproponuti mis-Sindku u ssekondati mill-Kunsillier Caruana. Il-minuti ġew approvatti.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsilliera Massa saqsiet fuq punt 10.6, dwar minn kien għamel it-talba. Il-Kunsillier Camilleri qal li din kienet l-għarusa t' Andre għall klassijiet taż-żfin. Il-Kunsillier Camilleri qal li għall din l-okkażżjoni hija ħalliet donazzjoni ta € 50.

2.2 Is-Sindku qal li kien hemm okkażżjoni oħra fejn is-Sala ġiet mikrija għall reċiviment tal-Magħmudija. Huwa qal li għall din l-okkażżjoni tħalliet donazzjoni ta' € 70.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Viċi Sindku qalet li nistgħu nibdew intellgħu posts li meta jkun hemm festa pubblika u jkun hemm il-ġbir tal-iskart seperat biex navżaw lir-residenti fuq il-ġbir.

3.2 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm bżonn li tittranġa l-kurduna li hemm fejn iċ-Ċimiterju ta' San Tumas. Is-Sindku qallu li din kienet diġa saret għax kien hu stess li bagħat il-ħaddiema.

3.3 Il-Kunsillier Caruana semma li huwa kien kellem lis-Segretarju biex tintbagħat ittra lil-sid ta' ħanut li kienet qed tarmi fi Triq Sebastiano Saliba biex din tkun imwissija kif għandha tarmi. Is-Sindku appella lis-Segretarji biex qabel ma jibgħat ittir simili jinfurmah minn qabel xi jkun se jagħmel biex mhux jiġi avviċinat għal għarrieda.

3.4 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet kif konna bqajna fuq ir-rapport li kienet għamlet fuq id-dgħajsa ta' Valletta Road. Is-Segretarju semma li huwa kien għaddha l-ilment lill-Ispettura. Is-Sindku reġa ġibed l-attenzzjoni tas-Segretarju billi dan ma kienx infurmat.

3.5 Il-Viċi Sindku qalet li kien kellimha is-Sur. Paul Tonna biex jara l-possibilta li ssir rampa tal-aluminju minn fondi li jista jkollu l-Kunsill Lokali mir-Reġjun. Is-Sindku qal li bħala Kunsill din trid issir a karigu tal-Knisja għax iz-zuntier mhux propjeta pubblika. Huwa qal li dawn il-fondi li se jagħti ir-Reġjun kienu ivvutati mill-Kunsill Lokali stess f' waħda mill-laqgħat preċedenti.

3.6 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet kif konna bqajna fuq l-issue tal-flooding fo Triq G Tragance. Is-sSegretarju qal li minn kien ressaq l-ilment lilha konna kellimnih bit-telefon. Is-Sindku semma li huwa jaf kif inhi s-sitwazzjoni hawnhekk u tkun solvuta effettivament jekk isiru xi forma ta water culverts.

3.7 Il-Kunsillier Caruana semma jekk forsi jistgħux isiru xi forma ta gradilji li fihom jilqgħu l-ilma tax-xita minn naħa fejn hemm Triq Patri Indri Schembri u fejn hemm il-Carly's.

3.8 Il-Kunsillier Caruana saqsa x' kien ġara fuq l-ispeed cameras li konna applikajna għalihom biex isiru fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku semma li kif inhuma l-policies bħalissa ma jagħtux biex isiru speed cameras. Huwa issuġġerrixxa biex inkellmu lit-Transport Malta u naraw x' tip ta speed mitigation measures jistgħu jsiru.

3.9 Il-Viċi Sindku semmiet li kien hemm stop sign fi Triq Dun Ġużepp Micallef k/m Triq il-Mitjar li kienet faded sabiex din issir.

3.10 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm is-siġat tal-Iskola li kellhom bżonn li dawn jinżabru. Is-Sindku qal li filkaż inkellmu lill tal-Iskola u ngħidulhom biex jieħdu ħsieb jiżbruhom.

3.11 Il-Kunsillier Camilleri ressaq email għall attenzjoni tas-Sindku fuq tabella li kienet saret li tindika fejn jinstab it-Teatru Metanoia biex din tkun imressqa. Is-Sindku qal li se jara fuqha.

3.12 Il-Kunsillier Caruana qal li trid terġa issir tabella fejn hemm il-Housing Estate ta' Ħal Farruġ peress li kienu qed jidħlu bil-karozzi fil-Pjazza. Huwa semma ukoll li quddiem il-Kappella kienu neħħew il-ktajjen.

3.13 Il-Viċi Sindku semmiet li trid issir U Bar fi Triq il-Karmnu faċċata tal-HSBC.

3.14 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm il-bollards ta' fejn l-iskola li kellhom it-toqob li nstaddulhom u kien hemm bżonn li dawn jerġgħu jitnaddfu. Is-Sindku semma li huwa kien diġa tkellem mal-Ispettura fuqhom u kien se jieħu ħsiebhom.

## 4.0 PROĠETT TAL-BANDLI

4.1 Is-Sindku semma li x-xogħol fuq il-proġett tal-Bandli kien beda, fejn sar ix-xogħol biex saru l-platforms fis-soft areas. Huwa semma li dawn kienu se jingħata il-konkos biex ikun jista jsir il-gym equipment fihom.

4.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk il-kuntrattu setax jagħti l-konkos fuq il-blat. Is-Sindku qal li peress li hawn kien ġew il-gym equipment allura ma kienx jirrikjedi xi saħħa partikulari.

## 5.0 JUM ĦAL LUQA

5.1 Is-Sindku semma li l-Kunsillier Camilleri kellu jgħaddilu l-program ta kif kien se jkun Jum Ħal Luqa.

5.2 Is-Sindku semma li konna għadna kif ingħatajna l-aħbar li għall okkażżjoni ta' Jum Ħal Luqa se ningħataw € 2,000.

5.3 Il-Kunsillier Camilleri semma li dakinahr tal-15 ta' Mejju kien se jsir Quddiesa, korteo u waqfa quddiem il-Monument tal-Gwerra. Huwa semma li peress li kien daħal iż-żmien sewwa kien jaqbel li l-attivita tkun ippreparata fi żmien wara Mejju anki biex jilħqu jsiru l-kuntatti u titella attivita ta' kwalita tajba.

## 6.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

6.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-pagament ta' GE Excavations. Is-Sindku qal li dan kien sar xogħol b' emerġenza peress li saret ħsara fit-Triq il-Ġdida minħabba d-drenaġġ. Huwa qal li għalhekk fiċ-ċirkostanzi wieħed ma setax jistenna għax kieku kienu jsiru aktar inċidenti.

6.2 Il-ħlasijiet ġew ipproponuti mis-Sindku u sekondati mill-Kunsillier Camilleri.

## 7.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar It-Tlieta 12 t' April 2016 fis-6.20 pm. Is-Sindku avża lill-Kunsilliera li l-laqgħa li jmiss kienet se ssir fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju. Is-Sindku avża li issa kienet se tinfetaħ il-laqgħa annwali.

Konfermati llum ________________________2016.

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv